DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1540

tal-25 ta' Lulju 2023

li temenda u tikkoreġi d-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti kożmetiċi u għall-prodotti għall-kura tal-annimali

(notifikata bid-dokument C(2023) 4845)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1870 ([2]) stabbiliet kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u ta' verifika għall-gruppi ta' prodotti "prodotti kożmetiċi" u "prodotti għall-kura tal-annimali".

(2) Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-membri tal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE indikaw li ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 jistgħu jiġu interpretati b'modi differenti, u dan jista' jwassal għal inkonsistenzi fl-implimentazzjoni prattika ta' dik id-Deċiżjoni. Sabiex tiġi evitata tali applikazzjoni inkonsistenti, u sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li tiġi prevista formulazzjoni aktar ċara f'dawk id-dispożizzjonijiet.

(3) Id-definizzjoni ta' "kontenut attiv" fit-taqsima tal-qafas tal-Annessi I u II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 fiha żball li jenħtieġ jiġi kkoreġut biex jiġi ċċarat li huma l-aġenti organiċi tat-tagħrik/tal-brix li ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-kontenut attiv tal-prodott kożmetiku jew tal-prodotti għall-kura tal-annimali. Sustanzi inorganiċi, inkluż aġenti inorganiċi tat-tagħrik/tal-brix, huma fil-fatt esklużi skont id-definizzjoni.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tas-subkriterju 4(a)(iii) fl-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870- jiġifieri l-eżenzjoni tal-komposti taż-żingu, ikklassifikati bħala H410 skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fl-ingwent/fil-krema taż-żingu, jenħtieġ li s-subkriterju 4(a)(i) jiġi kkoreġut biex jispeċifika li s-sustanzi li huma eżentati fis-subkriterju 4(a)(iii) ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subkriterju 4(a)(i).

(5) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tas-subkriterju 4(b) fl-Anness I u tas-subkriterju 3(b) fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870, jenħtieġ li dawk is-subkriterji jiġu kkoreġuti biex jispeċifikaw li s-sustanzi elenkati fis-subkriterji jistgħu jkunu preżenti fil-prodott finali jekk iseħħu fil-forma ta' impuritajiet. Dan huwa meħtieġ biex ir-rekwiżiti jkunu konsistenti mal-informazzjoni rrapportata fit-Tabella 1 fl-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 u fit-Tabella 1 fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward ta' dawk is-subkriterji.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1870 tat-22 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti kożmetiċi u għall-prodotti għall-kura tal-annimali (ĠU L 379, 26.10.2021, p. 8).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

(6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tas-subkriterju 4(c) fl-Anness I u tas-subkriterju 3(c) fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870, jenħtieġ li n-nota 12 f'qiegħ il-paġna fl-Anness I u n-nota 10 f'qiegħ il-paġna fl-Anness II jiġu kkoreġuti biex tiġi indikata l-link korretta li l-applikanti tal-Ekotikketta tal-UE għandhom jużaw.

(7) Sabiex tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tas-sentenza introduttorja tal-kriterju 5 fl-Anness I u tal-kriterju 4 fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870, jenħtieġ li dik is-sentenza introduttorja tiġi kkoreġuta biex jiġi ċċarat li l-prodotti likwidi biss jeħtieġ jikkonformaw mar-rekwiżit dwar il-volum minimu ta' imballaġġ permess, kif diġà tissuġġerixxi l-unità f'dik is-sentenza.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tas-subkriterju 5(d) fl-Anness I u tas-subkriterju 4(d) fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870, f'konformità mat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ tal-oġħla livell ([4]) u mad-diskussjonijiet li saru mal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess ta' reviżjoni tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ([5]), jenħtieġ li t-Tabella 8 fl-Anness I u t-Tabella 7 fl-Anness II tiġi emendata biex tispeċifika li t-tikketti tal-polipropilen (PP) u l-kmiem tal-poljolefini użati f'imballaġġ PP u t-tikketti tal-polietilen (PE) u l-kmiem PE użati f'imballaġġ tal-polietilen b'densità għolja huma permessi fil-prodotti bl-Ekotikketta tal-UE.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-verifika korretta tal-kriterju 3 fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870, jenħtieġ li t-taqsima ta' valutazzjoni u verifika ta' dak il-kriterju tiġi kkoreġuta biex jiġi żgurat li l-applikanti għall-Ekotikketta tal-UE jissottomettu l-Iskeda ta' *Data* dwar is-Sikurezza (SDS) tal-prodott finali, flimkien mal-SDSs ta' kwalunkwe sustanza u taħlita fil-prodott finali, biex jagħtu prova tal-konformità ma' dak il-kriterju.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 tiġi emendata u kkoreġuta skont dan. Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010.

(11) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li tiġi speċifikata data ċara tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 hija emendata u kkoreġuta kif ġej:

L-Anness I huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

L-Anness II huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-26 ta' Lulju 2023.

([4]) https://recyclass.eu/guidelines/natural-pe-hd-containers-and-tubes/
https://recyclass.eu/guidelines/natural-pp-containers-and-tubes/

([5]) ara Faraca, G., Vidal Abarca Garrido, C., Kaps, R.B., Fernandez Carretero, A. and Wolf, O., Revision of EU Ecolabel Criteria for Cosmetic Products and Animal Care Products (previously Rinse-off Cosmetic Products), EUR 30724 EN, Publications Office of the European Union, Luxembourg, 2021, ISBN 978-92-76-38088-7 (online), doi:10.2760/014175 (online), JRC125388.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) fit-taqsima tal-qafas, id-definizzjoni 1) hija sostitwita b'dan li ġej:

"1) "kontenut attiv" (AC) tfisser it-total fil-prodott, espress fi grammi, ikkalkolat tas-sustanzi organiċi mdaħħla, ikkalkulat abbażi tal-formulazzjoni sħiħa tal-prodott finali, iżda mingħajr il-kontenut ta' ilma tal-ingredjenti u l-aġenti organiċi tal-għarik/tal-brix;";

(2) il-kriterju 4, "Sustanzi esklużi u ristretti", huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fil-punt (4)(a)(i), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sakemm mhux dikjarat mod ieħor fit-Tabella 5, jew sakemm mhux eżentat skont il-punt 4(a)(iii), il-prodott ma għandux ikun fih sustanzi fil-konċentrazzjoni ta' 0,0100 % piż skont il-piż jew ogħla għall-prodotti li jitneħħew bit-tlaħliħ u ta' 0,0010 % piż skont il-piż għall-kożmetiċi li ma jitneħħewx bit-tlaħliħ li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassijiet ta' periklu, kategoriji ta' periklu u kodiċijiet assoċjati tad-dikjarazzjoni ta' periklu ristretti elenkati fit-Tabella 4, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.";

(b) fil-punt (4)(b), l-ewwel paragrafu, jitħassar il-kliem ", lanqas bħala impuritajiet";

(c) fit-Taqsima "Valutazzjoni u Verifika", il-kontenut tan-nota 12 f'qiegħ il-paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"https://www.echa.europa.eu/candidate-list-table";

(3) il-kriterju 5, "Imballaġġ", huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-volum minimu għal prodott li jitneħħa bit-tlaħliħ li għandu jiġi ċċertifikat minbarra t-toothpaste għandu jkun ta' 150 ml.";

(b) fit-Tabella 8, it-tieni ringiela, it-tieni kolonna, is-sitt sing huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- Kull materjal ieħor tal-plastik għal tikketti komma/tikketti b'densità < 1 g/cm^3 użat ma' imballaġġ PP jew HDPE (għajr għat-tikketti PP u t-tikketti komma tal-poljolefini użati f'imballaġġ PP jew f'tikketti PE u f'tikketti komma PE użati f'imballaġġ HDPE)".

ANNESS II

L-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1870 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) fit-taqsima tal-qafas, id-definizzjoni 1) hija sostitwita b'dan li ġej:

"1) "kontenut attiv" (AC) tfisser it-total fil-prodott, espress fi grammi, ikkalkolat tas-sustanzi organiċi mdaħħla, ikkalkulat abbażi tal-formulazzjoni sħiħa tal-prodott finali, iżda mingħajr il-kontenut ta' ilma tal-ingredjenti u l-aġenti organiċi tal-għarik/tal-brix;";

(2) il-kriterju 3, Sustanzi eskluży u ristretti, huwa kkoreġut kif ġej:

(a) il-punt 3(b), l-ewwel paragrafu, huwa kkoreġut kif ġej:

(i) fl-ewwel sentenza, jitħassar il-kliem ", lanqas bħala impuritajiet";

(ii) fit-tieni sentenza, jitħassar il-kliem ", lanqas bħala impuritajiet";

(b) it-taqsima "Valutazzjoni u Verifika" hija kkoreġuta kif ġej:

(i) fit-tieni paragrafu, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) SDS tal-prodott finali u ta' kwalunkwe sustanza/taħlita u l-konċentrazzjoni tagħha fil-prodott finali";

(ii) it-test tan-nota 10 f'qiegħ il-paġna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"https://www.echa.europa.eu/candidate-list-table";

(3) il-kriterju 4, Imballaġġ, huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-volum minimu għal prodott likwidu għall-kura tal-annimali li għandu jiġi ċċertifikat għandu jkun ta' 150 ml.";

(b) fit-Tabella 7, it-tieni ringiela, it-tieni kolonna, is-sitt sing huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- Kull materjal ieħor tal-plastik għal tikketti komma/tikketti b'densità < 1 g/cm³ użat ma' imballaġġ PP jew HDPE (għajr għat-tikketti PP u t-tikketti komma tal-poljolefini użati f'imballaġġ PP jew f'tikketti PE u f'tikketti komma PE użati f'imballaġġ HDPE)".